A.L. 50 ta' l-2004

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Tluq Deliberat t'Organiżmi Modifikati Ġenetikament fl-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u skond ir-regolament 1 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Tluq Deliberat t'Organiżmi Modifikati Ġenetikament fl-Ambjent, ippublikati bl-Avviż Legali 170 ta' l-2002, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent stabbilixxa l-1 ta' Marzu, 2004 bħala d-data meta dawk l-istess regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ.